**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Dicembru, 2019**

**Avviz Numru: 64/03 MLF**

**Giorgina Muscat u zewgha Joseph Muscat, Maria Giuseppa Schembri u zewgha Alfred Schembri, u l-istess Maria Giuseppa Schembri bhala prokuratrici tal-imsiefra Carmen Bonnici u ta' zewgha Peter Bonnici u permezz ta' digriet tat-23 ta' Mejju 2016, wara l-mewt ta' Alfred Schembri l-atti gew trasfuzi f'isem martu Josephine Schembri u uliedu John Schembri u Jesmond Schembri**

**vs**

**Antonio Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat jizgombra mill-fond numru 277, illum 281, Main Street, Qormi liema fond il-konvenut qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju annwali hu disgha liri Maltin (Lm9).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminarissima, l-atturi ghandhom jezebixu prova ufficjali, dokumentat u awtentikata li huma ta' bilhaq is-sidien tal-fond de quo u cioe' l-fond numru 281 gia' 277 f'Main Street, gewwa Hal-Qormi.

2. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut Antonio Borg li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 395143(M) ma jirrisjedix fl-indirizz Numru 17, Ghar il-Gobon Street, Birkirkara u ghalhekk il-konvenut m'huwiex indirizzat residenzjalment korrettament.

3. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut Antonio Borg li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 395143(M) jirrisjedi f'numru 281, gia numru 277 f'Main Street, gewwa Hal-Qormi fejn ilu jirrisjedi sa minn tfulitu.

4. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut ghandu titolu validu ta' lokazzjoni skond il-ligi fil-fond residenzjali tieghu fejn jirrisjedi gewwa Hal-Qormi.

5. Illi in linea preliminari wkoll il-konvenut gie notifikat fil-fond forn fejn jahdem fil-First of May Confectionery, f'numru 20, St. Anthony Street, gewwa Birkirkara, liema notifika saret nhar l-Erbgha, sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, 2003, kif jista' facilement jigi verifikat mill-envelope li wasal ghand il-konvenut f'jum l-Erbgha stess tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, 2003 meta kien hemm l-ewwel dehra quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

6. Illi in linea preliminari wkoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi l-intimat Antonio Borg li twieled fil-1943 u llum ghandu wiehed u sittin (61) sena, ilu joqghod fil-fond de quo f'Main Street gewwa Hal-Qormi sa minn mindu kellu l-eta' ta' erba' (4) snin u ghalhekk ilu jirrisjedi hemm ghal aktar minn sebgha u hamsin (57) sena u kwindi se mai il-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena residenza fil-fond de quo.

7. Illi in linea preliminari wkoll Maria Giuseppa Schembri trid tipproduci prova bil-miktub, dokumentata u awtentitkata li hija tabilhaq il-prokuratrici tal-assenti Carmen Bonnici u ta' zewgha Peter Bonnici, gia' la darba mill-okkju jirrizulta dan l-istat fil-persuna ta' Maria Giuseppa Schembri.

8. Illi in linea preliminari wkoll din il-Qorti hija inkompetenti 'ratione lege' stante li l-konvenut Antono Borg ghandu titolu ta' lokazzjoni valida skond il-ligi a bazi tal-fatt illi huwa kien jirrisjedi ma parenteli tieghu fil-fond de quo snin qabel ma dawn il-parenteli mietu u baqa' hemm jirrisjedi ghas-snin ta' wara u ilu hemm jirrisjedi sa minn ckunitu kif gia' giet accentwata din ic-cirkostanza f'eccezzjoni in linea preliminari li diga inghatat.

9. Illi f'kawza ta' zgumbrament meta jirrizulta li titolu jezisti, skond kif huwa l-kaz odjern, dik it-talba trid tigi kunsidrata mill-Bord tal-Kera appozitu mwaqqaf bil-ligijiet specjali u dan skond kif deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: "Carmelina sive Lina Camilleri et – versus – Paul Mifsud" deciza fit-tnax (12) ta' Awwissu, 1994.

10. Illi dina l-Onorabbli Qorti zgur li tkun osservat li din il-kawza giet intavolata nhar it-tletin (30) ta' Jannar, 2003 u l-Avviz odjern ma giex notifikat lill-konvenut qabel nhar l-Erbgha, sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru, 2003 jigifieri ghaxar (10) xhur wara li giet intavolata, li jindika car u tond kemm mhux minnu li l-konvenut jirrisjedi f'numru 17, Ghar il-Gobon Street, gewwa Birkirkara fatt li l-atturi kienu jafu ben tajjeb dwaru kif facilment jigi ppruvat fil-mori tal-kawza u anke fid-dawl ta' eccezzjonijiet ohra li sejrin jigu sollevati, li juru bic-car illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut hija vero simili li huwa jirrisjedi biss fil-fond numru 181, gja 277, Main Street, Hal-Qormi, fatt li ilu hekk stabbilit ghal aktar minn sitta u hamsin (56) snea, billi kif intqal il-konvenut ilu sa minn ckunitu jirrisjedi f'din ir-residenza flimkien ma' parentela ohra li wara l-mewt taghhom baqa' jirrisjedi fil-fond de quo huwa stess, fatt iehor li facilment jigi mhux biss ippruvat fil-mori tal-kawza imma li l-atturi wkoll kienu jafu ben tajjeb dwaru.

11. Illi l-inkwilin originali kien certu Michel Xiberras li kien ihallas kull tlett xhur bil-quddiem tal-fond numru 277, Mainstreet gewwa Hal-Qormi u dana mit-tletin (30) ta'

Jannar ta' kull sena, sat-tletin (30) ta' April u jibqa sejjer kull kwart tas-sena b'dan il-mod, per ezempju mit-tletin (30) ta' April, sat-tletin (30) ta' Lulju, imbaghad mit-tletin (30) ta' Lulju sat-tletin (30) ta' Ottubru, u mit-tletin (30)ta' Ottubru sat-tletin (30) ta' Jannar: hekk kien ihallas dan Michel Xiberras lil certu Michelina Mallia.

12. Illi din is-sitwazzjoni baqghet hekk wara numru konsiderevoli ta' snin mit-tletin (30) ta' Jannar, tal-elf disa' mija u tmenin (1980) meta naraw skond ir-ricevuti lil Michaelina Mallia tiffirma ricevuta nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru, 1979 ghal dan Michel Xiberras.

13. Illi mis-sittax (16) ta' Frar tal-1980, jigifieri erbgha u ghoxrin (24) sena ilu, Maria Gusa Schembri wahda mill-atturi odjerni ffirmat ricevuta hi lis-sur Michel Xiberras f'isimha personali u ghan-nom taz-zewg hutha l-ohta Carmen Bonnici u Giorgina Muscat u s-sitwazzjoni tidher li baqghet hekk, dejjem din Maria Gusa Schembri tiffirma ghan-nom taz-zewgt hutha bniet l-ohra Carmen Bonnici u Giorgina Muscat (11) ta' Awwissu, 1984 fejn kienet thallset il-kera u din giet accettat sat-tletin (3) ta' Ottubru, 1984.

14. Illi mbaghad miet Mikiel Xiberras u bdiet tiffirma l-ircevuti ghan-nom tieghu Mananni Xiberras, ossia l-mara tieghu, u dejjem ir-ricevuti tiffirmahom Gusa Schembri ghan-nom taz-zewgt hutha bniet l-ohra Carmen Bonnici u Giorgina Muscat u s-sitwazzjoni baqghet hekk sal-ghoxrin (20) ta' Marzu, 1985 meta mietet ukoll Mananni Xiberras l-armla ta' Mikiel Xiberras, u l-kera allura giet accettat formalment ghall-ahhar darba minghand din Maria Gusa Schembri f'isimha proprju u ghan-nom ta' Carmen Bonnici u Giorgina Muscat sat-tletin (30) ta' April, 1985.

15. Illi tul dan il-perjodu kollu kif gja' intqal fl-eccezzjonijet precedenti, Antonio Borg kien jirrisjedi ma dawn il-parenteli tieghu u allura wara li mietet din Mananni Xiberras fl-1985, mar jkompli jhallas din il-kera ta' disa' liri maltin (Lm9) fis-sena il-konvenut Antonio Borg, u l-kera tieghu giet irrifjutata.

16. Mill-1985 l'hawn ghaddew kwazi ghoxrin (20) sena, u ghalhekk jirrizulta manifestament li ghal dawn l-ahhar kwazi ghoxrin (20) sena il-konvenut dejjem jirrisjedi wahdu f'dan il-fond 281 gia 277, Main Street, Qormi u l-atturi dejjem

jirrifjutaw li jaccettaw il-kera tieghu purche’ offrut lilhom diversi drabi f’din il-medda ta’ snin.

17. Illi huwa fatt importanti li fis-snin kollha li ilu mikri dan il-fond de quo, sa minn mindu kienet tiffirma l-ircevuti Michela Mallia u ta’ qabilha, qatt ma saret xi forma ta’ manutenzjoni straordinarja da parti tas-sidien tal-fond de quo, waqt illi ghal kuntrarju l-manutenzjoni dejjem saret mill-inkwilini tal-fond de quo inkluz f’dawn l-ahhar ghoxrin (20) sena u anke qabel mill-konvenuti attwali ossia Antonio Borg.

18. Illi fil-fatt f’dawn l-ahhar snin, il-konvenut ghamel spejjez kbar biex zamm fi stat ta’ manutenzjoni tajba, spejjez li huma kemm f’forma ordinarja u kif ukoll f’forma straordinarja ta’ manutenzjoni, fil-fond de quo bhala l-abitazzjoni u residenza ordinarja tieghu, ossia tal-fond de quo.

19. Illi kif jixhdu d-diversi Registri Elettorali u anke l-ufficju li johrog il-karta tal-Identita’, il-konvenut dejjem jidher irregistrat fl-indirizz de quo, ossia’ 281 gia 277, f’Main Street gewwa Hal-Qormi.

20. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tkun taf li l-atturi diga ghamlu diversi proceduri quddiem din il-Qorti diversament ippreseduta f’numru ta’ snin, liema proceduri qatt ma temmew u lanqas qatt ma hallsu ghall-ispejjez.

21. Illi per ezempju l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-Avviz Numru 699/86 – FS meta kien qed jippresjedi il-Magistrat Dr. Carmelino sive Lino Farrugia Sacco, u fejn dak iz-zmien kien hemm l-Assistent Gudizzjarju jisma l-provi fil-persuna ta’ Dr. Tony DeGaetano LL.D. Illi, ghaldaqstant, l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji ta’ dawk il-proceduri li mbghad kienu thallew mhux mitmuma minghajr m’ghamlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom.

22. Illi ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tordna wkoll in linea preliminari li jigu allegati mal-process odjern l-atti fl-Avviz Numru 699/86FS fl-ismijiet: “Giorgina Muscat et – versus – Anthony Borg” u fejn kienu saru kwantita’ ta’ seduti f’dik il-kawza inizjata fl-1986, u cioe’ ftit wara li kienu mietu Michael u Mananni Xiberras, u fejn dak iz-zmien l-avukati li kienu jippatrocinawh kienu s-sottofirmat avukat Dr. Emmy D. Bezzina ghal konvenut u Dr. John Attard Montalto ghall-atturi u fejn kienu saru deposizzjonijiet fid-dettal dwar dan il-kaz odjern minn fejn jirrizulta car li l-atturi

ma kellhom ebda bazi legali u fattwali halli jaghmlu dawn il-proceduri legali kontra l-konvenut.

23. Illi l-Avviz numru 698/86 kien imbaghad sussegwentement ippresedut mill-Avukat Dr. Noel Cuschieri illum wkoll l-Onorevoli Imhallef Noel Cuschieri, u dana wara li l-Magistrat Dr. Carmelo sive Lino Farrugia Sacco kien gie elevat ghal gudikatura. Illi l-atti in ezami huma tabilhaq voluminuzi u dina l-Onorabbli Qorti odjernement u kif ippreseduta jkollha ocejan ta' taghrif rilevanti jekk tilqa' t-talba u tordna li l-atti tal-avviz precedenti li ghadu kif gie indikat fl-eccezzjoni immedjatament qabel din, ikunu allacjati mal-atti tal-process odjern.

24. Illi, ghaldaqstant, a bazi tas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra taghhom, inkluz l-ispejjez u drittijiet antecedenti ghal dawn odjerni li gew imwaqqfa hesrem mill-istess atturi u li a bazi taghhom ikkagunaw mhux biss hela ta' hin lil dina l-Qorti diversament ippreseduta imma stimulaw spejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji nkluz drittijiet li l-konvenut ma kienx dispost li jaghmel, imma kellu jaghmel, kif del resto kellu jaghmel ghal dawn il-proceduri odjerni li fattwalment u legalment huma nfondati kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat illi b'digriet datat 5 ta' Marzu 2014, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, din il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Vincenza Borg.[1]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota tal-konvenut tal-5 ta' Dicembru 2019.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

[1] Ara *fol.* 704 tal-process.

1. Il-fond numru 281, gia 277, Main Street, Qormi kien jinkera mill-predecessuri fit-titolu tal-atturi Giorgina Muscat, Giuseppa Schembri u Carmen Bonnici liz-zijiet tal-konvenut Michael u Marianna konjugi Sciberras. Il-konvenut trabba maz-zijiet tieghu fil-fond *de quo*. Dan il-fatt ma huwiex ikkontestat mill-atturi u f'dan ir-rigward l-attrici Giorgina Muscat xehdet hekk: "*fil-post kienu jghixu Mikiel u Mananni Sciberras. Dawn kienu rabbew lin-neputi taghhom, certu Anthony Borg li kien jghix maghhom*".[2]

2. Michael Sciberras gie nieqes fil-5 ta' Ottubru 1984.[3] Ftit xhur wara, precizament fit-18 ta' April 1985 giet nieqsa wkoll martu Marianna Sciberras.[4] Il-wirt tal-konjugi Sciberras huwa regolat minn testment *unica charta* datat 18 ta' Jannar 1966 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius. Permezz tat-tielet artikolu f'dan it-testment, il-konjugi Sciberras innominaw lill-konvenut bhala eredi universali taghhom u ddikjaraw li l-konvenut huwa iben "*oht it-testatrici li jabita mat-testaturi*".[5]

3. Wara l-mewt tal-inkwilini konjugi Sciberras, l-attrici Maria Guzeppa Schembri f'isimha propju u f'isem hutha l-atturi Giorgina Muscat u Carmen Bonnici infurmat lill-konvenut illi l-kera ma kienitx ser tibqa' tigi accettata u talbitu jghaddilha c-cwievet tal-fond. Da parti tieghu il-konvenut irrifjuta li jaghmel dan.

4. Il-konvenut jinsisti li minkejja li huwa kien izzewweg lil Vincenza Borg fit-2 ta' Gunju, 1979, hu dejjem baqa' jghix maz-zijiet tieghu fil-fond *de quo*. Huwa jsostni wkoll li minkejja l-fatt li wara z-zwieg, martu Vincenza Borg qatt ma ghexet fil-fond in kwistjoni izda baqghet tirrisjedi fi propjeta' tal-familja taghha gewwa 17, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara, il-konvenut ma kienx mar jghix ma' martu gewwa Birkirkara u minflok baqa' jghix fil-fond *de quo* li kien mikri liz-zijiet tieghu.

5. Dan wassal ghal numru ta' proceduri gudizzjarji bejn il-partijiet, billi gew intavolati da parti tal-atturi diversi kawzi sabiex jottjenu l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond. Matul dawn il-proceduri, il-konvenut kien eccepixxa l-prova tat-titolu ta'

---

[2] Ara x-xhieda ta' Giorgina Muscat a fol. 559 tal-process.
[3] Ara c-certifikat tal-mewt ta' Michael Sciberras immarkat bhala Dok MAS4 a fol. 141 tal-process.
[4] Ara c-certifikat tal-mewt ta' Marianna Sciberras immarkat bhala Dok MAS3 a fol. 140 tal-process.
[5] Ara t-testment imsemmi a fol. 257 tal-process.

propjeta' tal-atturi. B'konsegwenza ta' dan, l-atturi kienu intavolaw proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li huma s-sidien tal-fond. Permezz ta' sentenza datata 10 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet Georgina Muscat et vs Antonio Borg, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kienet laqghet it-talba tal-atturi u ddikjarat li l-fond *de quo* huwa propjeta' taghhom.[6]

6. Fil-proceduri odjerni, il-konvenut esebixxa ammont konsiderevoli ta' dokumenti li juru kif matul iz-zmien il-konvenut kien jindika l-indirizz tal-fond *de quo* bhala l-indirizz postali tieghu.[7] Il-konvenut produca wkoll estratti minn diversi Registri Elettorali li d-data taghhom ma tirrizultax mill-estratt esebit, li jindikaw li l-indirizz registrat tal-konvenut kien fil-fond in kwistjoni. Gie esebit ukoll ir-Registru Elettorali shih tas-sitt distrett ta' April 2005.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-konvenut ghogbu jressaq erbgha u ghoxrin eccezzjoni in kontestazzjoni ghat-talba maghmula mill-atturi. Pero uhud minn dawn l-eccezzjonijiet huma ripetittivi u ohrajn huma sottomissjonijiet u mhux eccezzjonijiet. Inoltre, l-kronologija li biha tressqu dawn l-eccezzjonijiet hija pjuttost ingarbuljata.

Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tittratta u tiddeciedi dawn l-eccezzjonijiet mhux fl-ordni kronologiku li ghogbu jtihom il-konvenut, izda f'dik l-ordni li fl-opinjoni ta' din il-Qorti taghmel sens legali.

Inoltre, il-Qorti tirrileva li mhux se tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonijiet u/jew talbiet sollevati ghall-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, u dan in konformita mal-ligi u mas-sentenzi ta' dawn il-Qrati. Fis-sentenza **Anthony Cristina nomine vs Eleonora Mizzi**, deciza fis-27 ta' Marzu 2003, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri):
*"Wara li jingiebu l-provi tal-attur, jista', bil-permess tal-Qorti, isir tibdil fin-nota tal-eccezzjoni, b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet kemm*

[6] Ara s-sentenza a *fol.* 37 tal-process
[7] Ara d-dokumenti minn fol. 67 sa 252 tal-process.
[8] Ara n-nota tal-konvenut datata 20 ta' Mejju 2005 u d-dokumenti annessi maghha a fol. 263 tal-process.

*biz-zieda ta' eccezzjonijiet ohra. Dan ma jfissirx li l-konvenut jista' jaghmel dan meta jrid, kif irid, u bla ebda raguni u dan 'bi dritt' minghajr ebda indhil jew kontroll tal-Qorti…… Il-fatt li tista' tinghata eccezzjoni fi stadju iehor tal-kawza wara l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet ma jfissirx fih innifsu li jistghu, bi dritt tal-konvenut, jingiebu provi jew xhieda godda. (Sottolinejar tal-Qorti) … …*

*Din il-Qorti, wara li ezaminat l-imsemmija nota ta' osservazzjonijiet … …*

*hija tal-fehma li argumenti u ragjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bhala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bhala tali. Diversament ikun jammonta ghal strapp procuderali li jista' jkun ta' pregudizzju serju ghall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta ghal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri 'in corso'.*

Fis-sentenza **Fogg Insurance Agencies Limited vs Raymond Azzopardi**, deciza fil-25 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk:

*"Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx. (Ara Kollez. Vol. XXXV p1 p410 u Vol XXXVIII pII p583).*

*… … Kif drabi ohra rilevat "la buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, tal-ekonomija taz-zmien u l-ispejjes ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk" (Kollez. Vol. XLIX p1 p138)."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament tal-Qrati taghna. Ir-risposta tal-konvenut tinkwadra l-linja difensjonali taghha ghat-talba tal-atturi. Mhux korrett u lanqas ma għandu jiġi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawża meta l-istadju tal-provi jkun magħluq u meta din titħalla għas-sottomissjonijiet orali jew biex jiġu ppreżentati noti tal-osservazzjonijiet, il-kontro-parti tiġi rinfaċċata b'linja difensjonali ġdida – anke jekk din il-linja difensjonali setghet ghall-grazzja tal-argument biss, titqajjem f'kull stadju tal-proceduri - mingħajr ma jiġu osservati r-regoli proċedurali. Kull argument kuntrarju ghal dan, iwassal biex jigi lez d-dritt tal-*equality of arms* u biex jaghti *carte blanche* lir-rikorrent li jtawwal proceduri bhal dawn. Kif gie ritenut aktar qabel, il-ligi tal-procedura qieghda hemm biex tigi

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

osservata, u kif diga gie citat la l-*buona fede* bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, tal-ekonomija taz-zmien u l-ispejjez ghal partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li l-ligi tal-procedura tigi abbuzata.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonjiet fuq esposti, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet u/jew talbiet godda sollevati mill-konvenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu.

<u>*L-ewwel Eccezzjoni – Prova tat-titolu tal-atturi*</u>

Permezz ta' din l-eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa li l-atturi ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom u li huma ta' bilhaq is-sidien tal-fond numru 277, illum 281, Main Street, Qormi. Il-Qorti tqis li din hija eccezzjoni frivola da parti tal-konvenut fid-dawl tal-fatt illi qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, permezz ta' sentenza bejn il-partjiet moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 1998,[10] kienet giet ikkonfermata sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li ddikjarat lill-atturi odjerni sidien tal-fond *de quo*.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalghet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza suriferita u senjatament "*... ... jirrizulta mill-atti li din kienet kawza ghal kollox inutili u superfluwa provokata minn eccezzjoni daqtsant inutili u superfluwa li l-konvenut dehrlu li kellu jaghti fil-procedura quddiem il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) fejn b'avviz kien qed jigi mitlub l-izgombru tieghu mill-fond de quo ... ... Inutili u superfluwa gjuridikament ghaliex, altrimenti, f'termini ta' zmien mirbugh a skapitu tal-prolongar bla bzonn tal-proceduri kien wiehed fruttiferu hafna ghall-konvenut li rnexxilu jtawwal dawn il-proceduri ormai ghal izjed minn tnax-il sena ... Dana billi quddiem il-Qorti tal-Magistrati ikkontesta bla raguni t-titolu meta ma kellu xejn x'jindika li l-atturi ma kienux proprjetarji tal-fond minnu okkupat ... ...* " Il-Qorti tqis li kull kumment ulterjuri f'dan ir-rigward ikun superfluwu.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

[10] Ara fol. 37 *et seq.* tal-process.

*L-Eccezzjoni Numru 21 – Prova tal-Hlas tal-Ispejjez Gudizzjarji*

Il-konvenut jeccepixxi in sostanza li l-atturi ma hallsux l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji li kienu intavolaw qabel.

Prova li dawn l-ispejjez tal-proceduri precedenti gew imhallsa gew ezebiti mill-atturi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2004.[11]

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*L-Eccezzjoni Numru 22 - Li Għandu Jiġi Allegat Flimkien Mal-Proċess Odjern*

Permezz ta' din *"l-eccezzjoni",* il-konvenut talab li din il-Qorti tordna li jiġu allegati mal-proċess odjern l-atti fl-Avviż Numru 699/86 FS fl-ismijiet **Giorgina Muscat et vs Anthony Borg** li huma rilevanti għall-każ odjern.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-konvenut ma insistiex ghal din it-talba tieghu fir-risposta. Minflok, huwa esebixxa dokumenti partikolari mill-atti tal-proċess bin-numru 699/86[12] (u mhux il-proċess kollu), kif ukoll id-dokumenti kollha fl-atti tal-proċessi oħrajn (fosthom dawk bin-numru 698/86, 563/93, 363/85 u 276/85).

Konsegwentement din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

*Is-Sitt Eccezzjoni – Il-Preskrizzjoni*

Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut jecepixxi li ilu joqghod u jirrisjedi b'mod regolari fil-proprjetà in kwistjoni ghal sebgha u hamsin sena, u ghalhekk skond il-konvenut, ghandha tapplika l-preskrizzjoni tat-tletin sena. Il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija fallaci minn diversi aspetti. Fl-ewwel lok, il-konvenut naqas milli jindika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed jibbaza din l-eccezzjoni, u dan kemm fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 2111

---

[11] Ara fol. 31- 35 tal-process.

[12] Ara fols 454 – 457, 459 sa 464, 519 sa 533 tal-proċess.

tal-Kodici Civili kif ukoll fid-dawl ta' gurisprudenza vasta u kostanti f'dan ir-rigward. Dan in-nuqqas tal-konvenut jirrendi din l-eccezzjoni inammissibbli.

Fi kwalunkwe kaz, anke jekk fil-konsiderazzjonijiet li sejra taghmel il-Qorti dwar il-mertu ta' din il-vertenza jirrizulta li l-konvenut kien ilu jghix fil-proprjetà in kwistjoni ghaz-zmien kollu li jallega, ladarba huwa qieghed jallega ukoll li qieghed jiddetjeni dan il-fond ghab-bazi ta' titolu ta' kera, allura ma jista' qatt ikun illi tiskatta favur tieghu il-preskrizzjoni trentennali stante li n-natura tal-okkupazzjoni tieghu qatt ma kienet wahda *animo domini*. Bid-dovut rispett, il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut jippretendi li tirnexxi din id-difiza tieghu, meta l-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili jippreskrivi b'mod mill-aktar car illi "*Dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom; bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment, dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom.*

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

*<u>Is-Seba' Eccezzjoni tal-Konvenut – Prova tal-Prokura tal-atturi assenti Carmen Bonnici u zewgha Peter Bonnici</u>*

Il-konvenut talab li l-attrici Maria Giuseppa Schembri tipproduci prova li hi l-prokuratrici tal-assenti atturi Carmen Bonnici u ta' zewgha Peter Bonnici.

L-atturi ezebew prova tal-prokura tal-assenti Carmen Bonnici favur l-attrici Maria Giuseppa Schembri.[13]

Ma gietx ezebita prova tal-prokura ta' Peter Bonnici favur l-stess Maria Giuseppa Schembri. Pero kif diga inghad, mill-provi irrizulta, u dan huwa anke ammess mill-konvenut fir-risposta u n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, li s-sidien tal-post in kwistjoni huma biss it-tlett ahwa Maria Giuseppa Schembri, Carmen Bonnici u Giorgina Muscat, u min imkien ma irrizulta li zwieghom ghandhom xi jedd ta' proprjeta fuq l-istess fond. Ghalhekk l-irgiel ta' dawn l-atturi, inkluz Peter Bonnici, gew imdahhla fil-kawza ghalxejn, ghax fid-data li fiha gew

[13] Ara fol. 31 ta' dawn il-proceduri.

intavolati dawn il-proceduri, mara mizzewwga setghet tintavola proceduri gudizzjarji dwar proprjeta parafernali taghha minghajr il-htiega tal-assistenza ta' zwieghom.

Ladarba il-prezenza ta' Peter Bonnici mhix necessarja ghal prosegwiment ta' dawn il-proceduri, lanqas hi necessarja prova li hu ta prokura lil Maria Giuseppa Schembri.

Konsegwentement, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-proceduri.

*It-Tminn u d-Disa' Eccezzjoni – Nuqqas ta' Kompetenza ta' din il-Qorti ratione materiae*

Il-konvenut qieghed jeccepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti in vista tal-fatt li skond il-konvenut, huwa ghadu titolu ta' lokazzjoni validu fuq il-fond *de quo*, u ghalhekk it-tribunal kompetenti huwa l-Bord li Jirregola l-Kera. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jissottometti li huwa qieghed jokkupa dan il-fond bhala inkwilini ai termini tat-tifsira moghtija lill-kelma *"kerrej"* fil-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Thomas Zahra et vs Anthony Bugeja et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[14] fit-18 ta' Mejju 2005 inghad illi "*In linea ta' principju generali huwa ormai assodat illi ghall-ezami tal-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux titolu jew le l-kompetenza tispetta lill-Qorti ordinarja (Kollez. Vol. XXXIII P I p 811). Jekk imbaghad din il-Qorti fuq il-fatti akkwiziti ssib li l-konvenut ghandu titolu u li dan huwa wiehed ta' lokazzjoni jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari u tal-ligi applikabbli jekk dik l-istess Qorti ghandhiex tissokta bil-gurisdizzjoni taghha jew tiddikjara l-inkompetenza taghha in kwantu l-materja, fil-parametri dejjem tal-ligi partikolari, tkun tesorbita mill-isfera tal-gurisdizzjoni taghha*;

... ...

*Hekk, ad exemplum, il-Qorti ordinarja hi fakoltizzata wkoll li tinvestiga u tiddirimi l-punt jekk il-konvenut huwiex verament "kerrej" entro d-definizzjoni tal-Artikolu 2 tal- Kapitolu 69, meta tinsorgi kontestazzjoni tat-titolu ghal lokazzjoni wara l-mewt tal-inkwilin originarju."*

[14] *Per* Imhallef Philip Sciberras

Minn dan l-insenjament jirrizulta ghalhekk li l-Qorti ghandha fl-ewwel lok tiddetermina jekk il-konvenut ghandux titolu fuq il-fond *de quo*, sabiex imbaghad tiddetermina jekk hijiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talba tal-atturi. Ghalhekk huwa car illi l-kwistjoni tal-kompetenza tal-Qorti ma tistax tigi evalwata qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex taghmel indagini dwar il-mertu.

Konsegwentement, dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

*<u>Ir-Raba' Eccezzjoni – Titolu Validu ta' Lokazzjoni</u>*

Kif diga inghad, il-konvenut jissottometti li huwa qieghed jokkupa dan il-fond bhala inkwilin ai termini tat-tifsira moghtija fil-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk sabiex jigi determinat jekk il-konvenut, jikkwalifikax ghal rilokazzjoni ai termini tal-Kapitolu 69, wiehed irid necessarjament jirreferi ghad-definizzjoni ta' "kerrej" li tinsab fl-istess ligi. L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 jippreskrivi li l-kelma "kerrej" tfisser:

> *"(a) l-armla jew l-armel ta' kerrej basta li r-raġel u l-mara, fiż-żmien tal-mewt tal-kerrej, ma jkunux, legalment jew fil-fatt, mifrudin minn xulxin;*
>
> *(b) fil-każ ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jħallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqogħdu miegħu fiż-żmien tal-mewt tiegħu".*

F'dan il-kaz, ma huwiex kontestat li l-konvenut huwa membru tal-familja tal-kerrejja precedenti. Ghalhekk jekk jirrizulta li fiz-zmien tal-mewt tal-kerrejja, il-konvenut kien joqghod fil-fond *de quo*, allura dan necessarjament ikun ifisser li huwa ghandu titolu validu ta' kera ai termini tal-istess Ligi. Minn naha l-ohra fil-kaz illi jirrizulta l-kuntrarju, allura l-konvenut ma jkollu ebda titolu sabiex jibqa' jiddetjeni dan il-fond u l-Qorti tghaddi biex tordna l-izgumbrament tieghu.

Mill-atti processwali jirrizulta illi Michael Sciberras effettivament halla armla lil martu Marianna Sciberras. Ghalhekk, ladarba Michael Sciberrs kien sopravissut minn martu, skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69, il-kirja waqghet fuqha bhala l-armla tieghu. Minn dan

isegwi li z-zmien rilevanti fil-kaz odjern hija d-data tat-18 ta' April 1985, u cioe' d-data tal-mewt ta' Marianna Sciberras stante li kienet hi il-"kerrej" fiz-zmien tal-mewt taghha. Il-fatt li mit-testment *unica charta* li kienu ghamlu l-konjugi Sciberras fl-atti tan-Nutar Antoine Agius jirrizulta li dawn kienu istitwew lill-konvenut bhala l-werriet universali taghhom huwa ghal kollox irrilevanti ghal fini ta' din il-kawza u dan peress li d-dritt ta' rilokazzjoni huwa determinat biss mid-definizzjoni moghtija fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69.

F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Illmu. u Revmu. Monsinjur Lorenzo Spiteri vs Emanuele Buhagiar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[15] fis-6 ta' Ottubru 1961 inghad hekk: "*Issa jekk, kull successur tal-kerrej originali fil-lokazzjoni (ghal kull titolu validu skont il-ligi generali, bhalma hu wkoll legatarju) jigi ekwiparat ghal kerrej fis-sens tal-ligi specjali, allura din il-ligi ma tibqax izjed specjali, u ssir generali, billi hu difficli wiehed jimmagina li l-kerrej ma jkollux successur. Din ma setghetx kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta saret il-ligi u saret id-definizzjoni ta' "kerrej" in kwistjoni, billi l-intenzjoni tieghu ma setghetx kienet hlief li jipprotegi lil dawk in-nies li kienu joghqodu mal-kerrej u li minhabba l-mewt tieghu kienu jistghu jisfghu bla dar malli taghlaq il-lokazzjoni korrenti favur il-kerrej. Naturalment, kellhom jissemmew dawn in-nies hekk protetti permezz ta' definizzjoni li ghalhekk ma tistax tikkomprendi hlief lilhom biss; u dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, anki fil-konfront tal-eredi tal-kerrej, taht il-ligi generali biss, jekk cioe dawn ma jidhlux huma wkoll fid-definizzjoni tal-ligi specjali.*"

Kif inghad fis-sentenza **Mary Anne mart Lawrence Balzan vs Emanuel Sive Leslie Gladwish et** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[16] fis-7 ta' Mejju 2010, "*l-oneru tal-prova tal-effettiva residenza mal-inkwilin hu mill-bidu sa l-ahhar gravat fuq il-konvenuti ghaliex huma dawn li jippretendu li ghandhom jikkwalifikaw fid-definizzjoni ta' "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69. Jekk huma din il-prova ma jirnexxielhomx jaghmluha b'mod attendibbli u kredibbli li jwasslu lill-Qorti ghall-formazzjoni ta' dak il-konvinciment ragjonveoli li jissufraga d-difiza taghhom, il-pretensjoni taghhom ghall-protezzjoni akkordata mil-ligi specjali hi destinata li tfalli in kwantu jkun ifisser illi huma ma jkunux issodisfaw il-fatt kostituttiv favorevoli ghalihom imqieghed ghab-bazi tal-eccezzjoni taghhom u hekk intiz biex jikkontrasta l-pretiza tal-attrici (reus in excipiendo fit actor).*"

[15] *Per* Imhallef Joseph H. Xuereb
[16] *Per* Imhallef Philip Sciberras

Mill-atti jirrizulta illi madwar hames snin qabel il-mewt ta' Marianna Sciberras, u precizament fit-2 ta' Gunju 1979 il-konvenut kien izzewweg lil Vincenza Borg. F'dan ir-rigward il-konvenut jghid hekk: "*Minn dan iz-zwieg wara z-zwieg tieghi qatt ma tlaqt minn Hal-Qormi. Marti qatt ma giet toqghod Hal-Qormi. Tfal m'ghandniex ... Jien u l-mara konna nohorgu flimkien konna mmorru nieklu wkoll flimkien u forsi xi darba rqadt f'Birkirkara*".[17] Meta imbaghad xehed in kontro-ezami, l-konvenut qal illi: "*Matul iz-zwieg tieghi jiena qatt la jiena u l-anqas marti ma bdejna xi proceduri ta' seprazzjoni ... Jiena kont nara l-bzonnijiet taz-zijiet u kont norqod hemm hekk wkoll. Ma kontx norqod ghandhom kuljum pero kont norqod ghandhom madwar 4 jew 5 darbiet fil-gimgha. Il-bqija kont immur noqghod mal-mara ... ... Kont immur biss jumejn jew tlieta fil-gimgha ghand il-mara.*"[18]

In sostenn tal-verzjoni tieghu, il-konvenut ressaq diversi xhieda. Il-Qorti tqis illi minn dawn, dawk li jistghu jkunu rilevanti ghal fini ta' din il-kawza huma Joseph Camilleri u Gorg Galdes. Joseph Camilleri xehed illi huwa shab fix-xoghol mal-konvenut u li kien ilu jafu madwar tletin sena. Qal li matul dan iz-zmien dejjem jaf lil konvenut joqghod fil-fond *de quo,* u li huwa jmur jigborlu l-ikel minghand il-mara tal-konvenut gewwa Birkirkara u johodulu f'Hal Qormi. Sostna li hu qatt ma kien staqsa lill-konvenut x'kienet ir-raguni ghaliex il-mara tieghu tghix Birkirkara u l-konvenut jghix Hal Qormi.[19] Gorg Galdes, li fiz-zmien tad-deposizzjoni tieghu kellu tmienja u sebghin sena, xehed li huwa joqghod gewwa Hal Qormi fil-fond adjacenti ghal dak mertu ta' din il-kawza. Qal li lill-konvenut dejjem jafu jghix gewwa Hal Qormi u li l-konvenut qatt ma kien mar fid-dar taz-zwieg.[20]

Minn naha l-ohra, l-attrici Carmen Bonnici xehdet illi ghalkemm ma tghix gewwa Malta, hija zzur il-gzira ta' sikwit. Qalet li f'wahda minn dawn iz-zjarat kienet marret fil-fond 17, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara u hemmhekk sabet lil mara tal-konvenut. Meta staqsietha jekk f'dak il-post kienx jghix il-konvenut, din wegbitha fl-affermattiv.[21] Din il-verzjoni giet ikkonfermata mill-attrici Maria Guzeppa Schembri fix-xhieda taghha.[22]

Alexander Galea xehed li huwa jghaddi minn quddiem il-fond in kwistjoni madwar tlett darbiet fil-gimgha u li dan il-post kien dejjem jarah maghluq. Qal li f'xi zmien kien innota li

[17] Ara x-xhieda tal-konvenut a *fol.* 58 tal-process.
[18] Ara x-xhieda tal-konvenut moghtija in kontro-ezami a *fol.* 598 tal-process
[19] Ara x-xhieda ta' Joseph Camilleri a *fol.* 281 tal-process.
[20] Ara x-xhieda ta' Gorg Galdes a *fol.* 286 tal-process.
[21] Ara x-xhieda ta' Carmen Bonnici a *fol.* 299 tal-process.
[22] Ara x-xheda ta' Maria Guzeppa Schembri a *fol.* 562 tal-process.

kienu saru xi xogholijiet fuq il-faccata tal-fond. Qal ukoll li f'zewg okkazzjonijet, darba minnhom tard wara nofsinhar u darbtejn ohra kmieni filghodu, kien ra li l-konvenut kien dahal fil-fond ghal ftit minuti u wara ftit jerga' johrog u jitlaq.[23]

L-attrici Giorgina Muscat xehdet illi z-zija tal-konvenut kienet qaltilhom illi wara li zzewweg il-konvenut kien mar jghix gewwa Birkirkara. Qalet illi xi qraba tal-konvenut kienu infurmawha bl-indirizz shih tieghu u meta marret f'dan l-inidirizz mal-qanpiena rat kitba li kienet tindika li l-konvenut jghix f'dak l-indirizz gewwa Birkirkara. Giorgina Muscat esebiet kopja tal-harga tal-gurnal in-Nazzjon Taghna ta' nhar is-Sibt 8 ta' Ottubru 1983. F'dan l-estratt jidher artiklu dwar intervista li Michael Sciberras, iz-ziju tal-konvenut, kien ta lil dan il-gurnal fl-okkazzjoni ta' gheluq sninu. F'dan l-artiklu inghad hekk: "*Ma Mananni rabba' lin-neputi taghha Ninu li l-lum izzewweg, izda baqa' jmur jarahom kuljum*."[24]

Kif inhu risaput, meta f'kazijiet bhal dawn ssib ruha rinfaccata b'zewg verzjonjiiet tal-fatti li huma kunfliggenti jew addirittura kompletament opposti ghal xulxin, il-Qorti ghandha, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita', tal-konsistenza u verosomiljanza, tezamina jekk xi wahda minn dawn il-verzjonijiet teskludix lill-ohra. Huwa maghruf li f'kawzi ta' natura civili, dan l-ezercizzju l-Qorti ghandha taghmlu fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joholqu fil-gudikant il-konvinzjoni li jaccetta verzjoni u jeskludi l-ohra.

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawza, jirrizulta li l-verzjoni tal-atturi kienet dejjem konsistenti u l-atturi bl-ebda mod ma kkontradixxew lil xulxin. Il-Qorti tirrileva wkoll illi din il-verzjoni taghhom giet korrobarata mill-artiklu mahrug fil-gurnal in-Nazzjon Taghna, liema artiklu inkiteb minn terzi li bla dubju ma ghandhom l-ebda interess fil-kaz u fi zmien meta l-inkwilini originali kienu ghadhom hajjin. F'ghajnejn il-Qorti, ma huwiex logiku li f'dik l-intervista Michael Sciberras jghid lil gurnalist li l-konvenut kien baqa' jmur jarahom kuljum, jekk kif isostni l-konvenut hu kien baqa' jghix maz-zijiet tieghu.

Min-naha l-ohra il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-konvenut ma kinitx konsistenti ghaliex il-konvenut jikkontradici lilu nnifsu dwar il-kwistjoni tar-residenza tieghu wara z-zwieg.

[23] Ara x-xhieda ta' Alexander Galea a *fol.* 556 tal-process.
[24] Ara x-xhieda tal-attrici Giorgina Muscat a *fol.* 559 tal-process

Filwaqt illi meta xehed in ezami qal li kien baqa' joqoghod maz-zijiet tieghu u *"forsi xi darba rqadt f'Birkirkara"*, meta sussegwentement rega' xehed in kontro-ezami biddel din il-verzjoni u qal illi kien imur joqghod mal-mara jumejn jew tlieta fil-gimgha. Ix-xhud Joseph Camilleri prodott mill-konvenut meta kkonfrontat fil-kontro-ezami qal li qatt ma kien staqsa lill-konvenut ghaliex kien jghix separatament minn ma martu. Tenut kont tal-fatt illi dan ix-xhud kien shab fix-xoghol mal-konvenut u li kien ilu jafu tletin sena, il-Qorti tqis li din ix-xhieda ma hijiex wahda kredibbli ghaliex f'dan iz-zmien kollu wiehed kien jistenna li dan ix-xhud kien tkellem mal-konvenut dwar dan is-suggett.

B'zieda ma dan, il-Qorti ma tara xejn verosimili u probabbli li koppja li tkun ghada fil-bidu taz-zwieg taghha taghzel li tghix separatament, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-konvenut ma kienx isuq u kellu x-xoghol tieghu go forn gewwa Birkirkara stess u ghalhekk kien ikun aktar vantagguz ghalih illi jirrisjedi ma' martu gewwa Birkirkara milli jibqa' jghix maz-zijiet tieghu gewwa Hal Qormi.

Finalment, fir-rigward tal-ammont konsiderevoli ta' dokumenti esebiti mill-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma illi dawn huma sempliciment prova li l-konvenut kien jindika l-fond *de quo* bhala l-indirizz postali tieghu. Bl-ebda mod dawn id-dokumenti ma jistghu jitqiesu bhala prova illi l-konvenut kien joqghod mal-kerrejja Marianna Sciberras fiz-zmien tal-mewt taghha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sarah Pavia** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[25] fit-2 ta' Ottubru 2009 inghad illi "*Irid jinghad li dawn id-dokumenti jistghu jkunu importanti u ghandhom jigu kkonsiderati, b'dan li jrid jizdied ukoll illi dawn mhux bilfors jistghu jitqiesu konkluzivi ghas-suffragju tal-asserzjoni. Dan qed jigi rilevat ghaliex fuq il-fehma tal-Qorti, gia espress f'decizjonijiet anterjuri taghha, ir-residenza ordinarja mal-kerrej ma jaghmluhiex sic et sempliciter id-dokumenti attestanti konnessjoni mal-fond – sija jekk Registru Elettorali, Identity Card, karti bankarji, etcetra – u lanqas il-mobbli jew effetti ohra personali li wiehed ikollu fil-fond.*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ghandu jigi osservat illi fost dawn id-dokumenti kollha, il-konvenut naqas milli jipprezenta provi dokumentarji li huwa kien qieghed jaghmel uzu mill-fond *de quo* fiz-zmien rilevanti u cioe' fiz-zmien tal-mewt tal-kerrej, provi bhal ma huma kontijiet li juru li kien qieghed jaghmel konsum ta' dawl u ilma f'dan il-perjodu. Il-kontijiet

[25] *Per* Imhallef Philip Sciberras

tal-utilitajiet esebiti mill-konvenut kollha jirreferu ghal perjodu ta' 'l fuq minn hmistax-il sena wara z-zmien li huwa rilevanti ghal fini ta' din il-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu qieghda tigi michuda.

In vista ta' din il-konkluzjoni, ikun inutli ghal din il-Qorti tinoltra ruhha fir-rimanenti eccezzjonijiet u/jew sottomissjonijiet fir-risposta tal-konvenut.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;
2. tichad l-eccezzjoni numru wiehed u ghoxrin tal-konvenut;
3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni numru tnejn u ghoxrin tal-konvenut;
4. tichad is-sitt eccezzjoni tal-konvenut;
5. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' eccezzjoni tal-konvenut;
6. tichad it-tminn u d-disa' eccezzjonijiet tal-konvenut;
7. tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut;
8. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha mressqa mill-konvenut;
9. tilqa' t-talba tal-atturi u tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa il-fond 281, gia 277, Main Street, Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi,
10. u konsegwentement tordna lill-konvenut biex fi zmien tlett (3) xhur mil-lum jizgumbra mill-imsemmi fond.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**